MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 622/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Marylise Cassar**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tmien mija u sitta u sittin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1866.54), dovuta mill-konvenuta lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C51082725* moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf tmein mija u sitta u sittin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1866.54), bl-imghax legali dekorribbli mis-27 ta' Gunju 2011 li hija d-data tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------